

# BORMLA FI ŻMIEN IL-FRANĊIŻI

**Charles Galea Scannura**

It-taqlib fl-Ewropa fl-aħħar snin tas-seklu tmintax, l-aktar wara r-Revoluzzjoni Franċiża, ħalla l-effett tiegħu f'kull rokna. Bormla, belt li kienet kibret u stagħnet bis-saħħa ta' l-Ordni, tal-kummerċ marittimu u tal-kursari, ħasset l-effett sewwa. Dak iż-żmien is-swar tagħha kienu meqjusin b'saħħithom imma f'rapport ta' l-1789, x'aktarx tal-Bali Tignè, kien ingħad li l-Cottonera kienet dgħajfa u fil-każ ta' assedju setgħet tirreżisti biss madwar xahrejn.[1] Kien qed jidher ukoll il-faqar li beda jiżdied tant li l-prokuraturi tal-fqar tal-parroċċa kienu qed jiġrbu sabiex jgħinuhom. Fl-1796 is-sajjieda Bormliżi kienu talbu li jitħallew jistadu f'kull naħa tal-Port. Il-Kongregazzjoni tal-Gwerra mmexxija mill-Bali Hompesch tat parir lill-Gran Mastru li seta' jħallihom iżda b'ħafna kundizzjonijiet fosthom li ma setax isir sajd mill-Ave Maria sa tlugħ ix-xemx fix-xatt ta' Bormla u li joqogħdu 'l bogħod mix-xwieni. Min kien jikser il-liġi kien jeħel skud, jitlef il-qasba u l-qabda u seta' jiġi arrestat. Min kien jispija fuqhom kien jingħata l-iskud. Ix-xtut ta' dawn l-inħawi kienu l-ħajja ta' bosta fqar. Kienu jgħoddsu għall-imħar, u kien jista' jingħad li Kordin kien popolari mal-foqra li kienu jiddependu mill-frott tal-baħar biex jgħixu.[2] Fl-1796 għalhekk l-Isqof Labini kien ħeġġeġ lill-prokuraturi tal-parroċċa biex jaħdmu ħafna u biex jiġbru l-ħobż għat-tfal tal-konservatorju.[3]

Madankollu n-nies ta' Bormla jidher li kienu għadhom marbutin ma' l-Ordni ta' San Ġwann. Meta fl-1798 il-Gran Mastru Hompesch żar dil-Belt, il-poplu tah laqgħa kbira u qrawlu das-sunett ta' tifħir[4]:

De Cottoneri taciti e pensose
Erravan l'ombre su l'amante Mura
Crucciate in volto di lor vana cura
Al rimanarle abbandonate e rose:

Quando di grida risonar festose,
Qual per inusitata alta ventura,
D'intorno il colle udisse e la pianura;
E, viva il Gran Ferdinando, E so rispose.

Torsero i lumi, e alla Citta; diletta
L'augusto  Hompesch in maesta miraro
Venir fra schiera di Virtute eletta.

Le nubilose fronte serenando,
Allora l'altoo corteggio salutaro,
E fra plausi esclamar, Viva Ferdinando.

Iżda dan ma seta' jagħmel xejn kontra l-qawwa ta' l-armata Franċiża tal-Ġeneral Napuljun Bonaparte li kien iddeċieda li jieħu lil Malta taħt idejh. Fid-9 ta' Ġunju 1798 il-Flotta Franċiża waslet qrib il-gżira u l-invażjoni bdiet. Kien maħsub li minn Marsaxlokk, il-Franċiżi mmexxija mill-Ġeneral Desaix kellhom javvanzaw lejn il-Cottonera. It-tensjoni kienet mhux biss bdiet imma wkoll ħakmet lill-poplu. Anke f'Bormla kien hemm il-Ġakbini, partitarji Franċiżi. Imma fl-ibliet kien maħsub li jsiru thejjijiet għad-difiża. Il-kommendatur Annibale de Subiras, kmandant tax-xwieni, kellu jieħu ħsieb Bormla. U bħal fil-Cottonera kollha, fl-10 ta' Ġunju 1798 fil-għodu kmieni deher moviment ta' reżistenza. Fil-Cottonera kien hemm 11,000 kartell tal-porvli. Il-Bali Du Pin u l-Kavallier De Thiusi ħadu ħsieb biex dan jinġarr sax-xatt ta' Bormla. Kellhom jeħduh lejn il-Belt bid-dgħajjes, imma ġara li x-xogħol beda bil-għaġġla u b'ħafna tfixkil mill-Ġakbini u xniegħat li l-Kavallieri kienu ser jitilqu d-difiża tal-Cottonera. Il-Maltin bdew jabbandunaw ix-xogħol u dawk fuq is-swar daħħlu f'rashom li l-Kavallieri Franċiżi kienu favur l-għadu. Qam paniku u ma bdewx jobdu l-ordnijiet.[5]

Waqt li għadd ta' Maltin taw parir lil Hompesch biex jasal għal ftehim, u dan beda jaħseb biex iċedi, kien jidher diġà li f'Bormla kien hemm min kien favur il-Franċiżi u min kien kontra. Fuq is-swar il-Maltin ħassew ruħhom ittraduti, qatlu lill-Kav. Valin u lill-Kav. Perier tefgħuh minn fuq is-sur tal-Kalkara, il-Birgu. Imma fil-Belt Valletta, Dr. Vincenzo Caruana, Latinist, kittieb bit-Taljna u bil-Malti, Segretarju ta' l-Isqof Labini u Bormliż magħruf, kien iħeġġeġ biex il-Maltin iċedu.[6]

Meta l-Kunsill ta' l-Ordni kien qed jistenna l-aċċettazzjoni tat-tregwa, ġew informati li s-suldati fil-Cottonera kienu maqsumin u kontra l-Franċiżi. Għalhekk il-Gran Mastru kellu jibgħat xi truppi sabiex iġegħluhom jobdu.[7] U meta ġiet iffirmata l-Konvenzjoni fit-12 ta' Ġunju 1798, xi suldati komplew jisparaw minn fuq is-swar. Hompesch stess talab biex il-kleru jmur jikkalma n-nies. F'Bormla mar Dun Salv Casha, rettur tal-Knisja ta' l-Erwieħ tal-Belt. L-Isqof Labini wkoll ġie mitlub imur ikellihom.



**Napuljun Buonaparte u l-Franċiżi jinżlu f'Malta.**

Waqt li l-flotta Franċiża kienet daħlet fil-Port, is-swar u t-torrijiet kollha ġew okkupati mill-Franċiżi. Ta' Bormla kellhom ikunu f'idejn il-Franċiżi sa nofs in-nhar tat-12 ta' Ġunju stess.[8] In-nies kellhom joqogħdu kwieti waqt li l-Ġeneral Bonaparte beda joħroġ għadd ta' liġijiet li bihom ried ibiddel il-liġi u l-ħajja Maltija u jibnihom fuq ideat repubblikani. Fil-kostituzzjoni li fassal, Bormla sabet ruħha magħquda mal-Birgu u l-Isla fil-Miniċipalità tal-Lvant li kellhom lil Ġużeppi Maurin, president, Ġan Franġisk Sant, teżorier, u Mark Anton Muscat, Ġanni Dalli, Gaetano Bertis u Gaetano Pisani membri.[9] Dawn kienu jiltaqgħu fid-Dar tal-Ġeneral tal-Galeri. Dr. Salvatore Scifo ġie maħtur imħallef. Mit-22 ta' Ġunju 1798, Bormla u l-ibliet l-oħra flimkien saru magħrufin bħala 'Citè de Malte'.

Meta telaq Bonaparte u l-gvern ġie fdat f'idejn il-Ġeneral Vaubois, mill-ewwel bdiet tinħass il-qiegħa tisħon. L-amministrazzjoni Franċiża bdiet tħalli l-effett tagħha: il-kumitat tal-Muniċipalità ħa għalih għax bi żball il-membri ma ġewx mistiedna għat-tieġ ta' erba' tfajliet fil-festa ta' l-14 ta' Lulju 1798.[10] Oħrajn ma tantx ħadu pjaċir b'xi ordnijiet: fit-30 ta' Lulju t-tifel ta' Ġużeppi Farrugia ġie magħżul biex ikun wieħed minn sittin żagħżugħ li kellhom jittieħdu jistudjaw Pariġi, imma ġie skużat minħabba l-età. U qabel telaq Bonaparte, baħrin ġuvintur u miżżewġin taħt it-tletin sena kellhom imorru jirreġistraw fuq "L'Orient" u jinbarkaw mal-Flotta Franċiża fi żmien 24 siegħa. Il-Muniċipalità kellha tieħu ħsieb l-indafa, id-dwal u l-manteniment tal-bankini u dan kellu jħallas għalih il-poplu. B'ordni tat-13 ta' Ġunju, diversi djar reliġjużi ġew magħluqin fosthom il-konservatorju li kien fih 18-il tfajla u kellu renta ta' 878 skud fis-sena. Fuq il-knejjes kellha tittella' l-bandiera Franċiża.[11]

Id-dwejjaq bil-Franċiżi kien diġà jinħass: fost sorijiet tal-Madalena li ma kienux riedu jibqgħu fil-Kunvent ta' Santa Katerina u telqu lejn il-kampanja, kien hemm Margerita Psaila li marret iż-Żejtun. Imma l-indikazzjoni tat-tensjoni kienet il-karta anonima li twaħħlet f'Bormla takkuża bi tradituri għadd ta' Maltin. Fis-6 ta' Awissu kienet instabet waħda qrib il-gardjola ta' l-imħażen taħt it-terrazzin ta' Santa Tereża. Tlett ijiem wara dehret oħra mal-ħajt tal-ħanut ta' Salv. Bartolo fi triq żgħira fil-qrib. Fost it-tradituri imsemmija kien hemm Ġużeppi Maurin, Vincenzo Caruana, Ġanni Dalli, Nikola Randon, Gaetano Bertis, Paolo Savona, Patri Salv. Lanzon, O.C.D., it-Tabib Giov. Bruno, Gan Anton Spiteri, Santu Vella u ċertu Burelli.[12] Kien l-ewwel sinjal ta' moviment moħbi kontra l-Franċiżi. Imma s-sitwazzjoni ma kienet xejn ċara għax fost il-Ġakbini kien hemm ukoll il-"ġakbini", tradituri u xewwiexa. Fost oħrajn, it-Tabib Giov. Bruno ġie mixli ma' oħrajn, fil-bidu ta' Awissu 1798, li kien qed ixerridha li l-gvern kien ser iżid it-taxxi fuq l-ilma u jisraq il-knejjes. Imma kien biss malafamat għax jidher li kien favur il-Franċiżi.

Dan it-Tabib Bormliż kien serva fl-Isptar ta' l-Ordni. Martu, Maria Tereża, kienet oħt Ġużeppi Maurin li kellu xogħol ta' tarznar. Meta ħareġ mill-Belt u mar fil-kampanja, ir-raħħala xlewh bi spija u ġie mogħti l-mewt għalkemm l-Imħallef Ġuż. Kalċidon Debono ma kienx sabu ħati. Kellu tlieta u tletin sena meta qatluh.[13]

Każ ieħor ta' għira jekk mhux ta' ġakbiniżmu ġara aktar tard meta fil-11 ta' Ottubru 1799 it-Tabib Nikola Randon, żagħżugħ imlaqqam ta' Fesfes, irraporta li l-Kunsill tas-Saħħa kien ta l-liċenzja lill-Kirurgu Anton Cutajar biex jaħdem bħala tabib f'Bormla. Randon kien għadu mhux rikonoxxut bħala tabib u ma kellux il-prattika li kellu l-

anzjan Cutajar li kien ilu jaħdem erbgħin sena fil-kirurġija mal-morda ta' Bormla. Il-Kunsill tas-Saħħa ikkonferma dan u stqarr li ma kienx fadal tobba f'Bormla. Fil-fatt Randon li kien Ġakbin u kien iggradwa bħala tabib f'Salerno fl-1794, serva b'xejn tul l-Imblokk u wara mar iservi ma' l-Armata Franċiża.[14]

Imma ħafna mill-Bormliżi ma kienux favur il-Franċiżi. Dan jidher minn dak li ġara fit-2 ta' Settembru 1798 meta r-Rabtin qamu kontra l-Franċiżi u jingħad li n-Nutar Emmanuele Vitale niżel Bormla fejn kien hemm xi ftehim.[15] Wieħed li nzerta kien Bormla dak inhar kien it-Tabib Ġużeppi Casha li żmien wara kien ġie mfaħħar mill-Kaptan A. Ball għall-ħidma tiegħu u talli daħal biex jirrapreżenta lil Ħal Luqa fil-Kunsill tal-Maltin.

Il-Ħadd 2 ta' Settembru 1798 kellu jibda rkant ta' propjetà ta' knejjes fir-Rabat u l-Imdina. Minflok, beda l-irvell tal-Maltin. Fit-3 ta' Settembru, ir-Rabtin daħlu l-Imdina u għadd ieħor ta' Maltin daħlu Bormla bit-tama li jeħduha taħt idejhom. Il-Bormliżi kienu diġà disposti għall-istess moviment, iżda l-Maltin li daħlu ġew imġegħla jirtiraw mit-truppi Franċiżi.[16] Il-ġlied kien kbir. Santu Formosa taż-Żurrieq u tletin Malti ġrew lejn Bormla biex jgħinu, u meta l-Maltin kellhom jirtiraw, dawn ħatfu l-għolja ta' Kordin u żammewha tul l-imblokk. Fil-ġlied f'Bormla ġie maqtul Franġisk Fenech li ħalla mara u erbat itfal u meta Vaubois sar jaf li l-familja li ħalla kienet batuta, ta sittin skud lit-tifel ta' Fenech.[17]

Dwar il-ġlieb li beda f'Bormla, insibu li dan beda wara nofs inhar, għal xi t-tlieta u li waslet għajnuna minn Ħaż–Żabbar, iż-Żejtun u ż–Żurrieq; li l-fizzjal Le Blanc u żewġ suldati marru jinbarraw bil-ġebel bibien tal-Cottonera; li l-Franċiżi rtiraw lejn l-Isla u l-Birgu u tilfu tnax-il ruħ u miet Franġisk Grech li kien favurhom.[18] Fid-djarju tiegħu Feliċ Cutajar, li kien Segretarju tal-Kaptan Alexander Balla, niżżel li fl-4 ta' wara nofsinhar Pusierga u uffiċjali oħra Franċiżi kellhom jirtiraw bid-dgħajsa minn Bormla fejn kienu marru biex jissakkeġġjaw il-Parroċċa, imma l-poplu kien ġagħalhom jaħarbu bit-tgarar tal-ġebel.[19]

Il-Franċiżi ħadu azzjoni aktar qawwija. L-Ajjutant Ġeneral Brouard tfaċċa b'522 suldat u 22 fizzjal tal-80e Demie-Brigade u ried li l-Bormliżi jiftħu t-toroq fi żmien għoxrin minuta nkella kellu jiftaħ n-nar. Kellu mmirati fuq Bormla wkoll il-kanuni tal-ġifejn "Dego" (qabel "San Zaccharia") b'theddida li jfarrak id-djar. Il-Maltin irtiraw, iżda ġarrew tmenin kartell tal-porvli mill-Provlista li nzertat mgħassa biss minn erba' suldati.[20] Dan tant irrabja lill-Franċiżi, li keċċew bil-forza n-nisa u t-tfal ta' dawk il-Bormliżi li kienu ħarġu u baqgħu fil-kampanja.

Is-swar li kienu nbnew biex iħarsu lil Bormla u 'l Maltin, kellhom iservu ta' kenn għall-Franċiżi u jiġu assaltati għall-ewwel darba mill-Maltin stess! Il-Maltin li kienu daħlu f'Bormla, u kienu l-aktar mill-inħawi ta' Ħaż-Żabbar, kienu armati. Huma ppruvaw jieħdu l-pjazza f'idejhom iżda l-kanun tal-Forti San Mikiel ġie mdawwar fuqha. Għalkemm irtiraw, irnexxielhom jaqilgħu l-bandiera u l-arma tar-Repubblika Franċiża minn fuq il-bejt tal-Parroċċa. Dawn kienu tqegħdu fuq kull knisja f'Malta b'ordni tal-gvern.[21]

Il-bibien ta' l-ibliet kienu ngħalqu. Imma fit-3 ta' Settembru ż-Żwieten kienu ħarġu

għoxrin kartell porvli minn Bormla. Brouard qabad żewġ Maltin bl-armi f'idejhom (li wieħed minnhom darba kien ilsier f'Tuneż), u xkubettjahom fil-post. Fl-4 ta' Settembru sar appell lin-nies ta' Bormla biex iċedu l-armi. Minħabba f'hekk min ma obdiex kellu jiġi ffuċillat. L-appell inqara lin-nies mill-Kappillan u l-Kanonku Kantur Salvatore Susano. Malti milli kien hemm - "uno di Burmula" - u li kien diġà qatel ħames Franċiżi, ġie ffuċillat.[22]

Fl-ibliet maħkuma mill-Franċiżi waqa' biża' kbira. Ħadd ma seta' jiċċaqlaq u fil-5 ta' Settembru, il-kmandant D'Angelly ordna biex il-baħrin imorru jirreġistraw - ta' Bormla kellhom imorru fit-Tarzna. Lill-Maltin ħadulhom l-armi, id-djar u t-toroq kellhom jinxtegħlu bil-lejl u l-patrijiet tħallew joħorġu biss biex jixtru l-ikel. Fis-7 ta' Settembru 1798, il-Ġeneral Vaubois bagħat delegazzjoni għand il-Maltin ribelli u wegħdhom maħfra jekk iċedu. Id-delegazzjoni kienet magħmula mill-Kan. Susano, il-Kappillan ta' Bormla Dun Salv. Fenech, Fra Ġużepp minn Ħaż-Żabbar li kien il-Kustodju tal-Kappuċċini u n-Neguzjant Ġużè Gauci. Dawn telqu bil-karrozzella ta' l-Isqof, għaddew minn taħt it-telgħa tal-Kappuċċini u ltaqgħu mal-Mexxejja Maltin. Il-prospetti li kellhom iressqu ma ġewx milqugħa. Minflok, huma ttieħdu l-Imdina u ma tħallewx jerġgħu lura għand il-Franċiżi. B'hekk Bormla spiċċat bla Kappillan tul l-Imblokk.[23]

Jumejn wara l-Franċiżi raw li kienu ser jibqgħu bla tweġiba. Għalhekk ħarġu bosta ordnijiet: in-nies ta' l-ibliet kellhom jirtiraw lejn djarhom kulmeta jisimgħu d-daqq tat-tnabar; kulmin jinqabad jitlajja kien jiġi xkubettjat; ħadd ma seta' joħroġ jittawwal u kulħadd kien jaqbillu jissakkar sewwa.[24] Sadattant ħafna nies ġew imkeċċija barra mill-ibliet bl-iskuża li kienu għenu lill-Maltin ribelli. Dawn lanqas tħallew jieħdu tibdila ta' qmis magħhom. Djarhom daħlu fihom il-Franċiżi u ħarbtuhom. Il-Knejjes ma tħallewx idoqqu qniepen aktar għax dawn kienu ndaqqu meta beda l-irvell u kull meta l-Franċiżi ppruvaw joħorġu b'sorpriża fuq l-irħula fil-qrib.[25]

Fit-13 ta' Settembru, il-Kunsill tal-Gwerra ordna li ssir lista ta' familji Bormliżi li kellhom xi ħadd mar-ribelli fil-kampanja. Għal ħabta ta' l-4 ta' fil-għodu, il-president Libreri li kien daħal flok Maurin, Debertis, u l-ex-Abbate Pusierga Closse marru bis-suldati biex ikeċċu lil dawn in-nies minn Bormla.[26] Dwar 300 suldat Franċiż daru Bormla u tefgħu 'l barra mill-Bieb tas-Salvatur lil dawk li isimhom kien fil-lista. Ħarġu mill-Cottonera xi 1,500; uħud minħabba rapporti vendikattivi u foloz ta' Maltin "ġakbini". L-inċident tat-2 ta' Settembru kien tah ġewwa lil Vaubois. Tul l-Imblokk, li fih il-Maltin sabu għajnuna kbira mill-Flotta Ingliża u mingħand il-Portugiżi u n-Naplitani, Vaubois kien joħroġ ċirkularijiet lil Maltin li kien jaħseb li għandhom il-flus. F'dawn l-ittri kien isemmi li jrid kontribuzzjonijiet jew aħjar self obbligatorju, fi żmien 24 siegħa u li l-flus kienu meħtieġa biex iħallas u jikkalma lis-suldati Franċiżi li kienu raw 'l sħabhom jiġu mbiċċra f'Bormla u fil-kampanja.[27] Fost dawk li tawh il-flus kien hemm il-Kan. Santoro Dalli ta' Bormla li tah 1,500 skud.

Għalhekk jista jingħad li l-Bormliżi li baqgħu magħluqin fis-swar tul l-Imblokk, batew bħall-Maltin l-oħra fl-ibliet. Raw restrizzjonijiet imposti fuqhom, għaks, ġuħ u mard. Fil-25 ta' Ottubru 1798, Diana Bruno ngħatat l-inkarigu li tieħu ħsieb it-tqassim ta' ħobż b'karità f'Bormla. Apparti li sa Mejju 1799 kellha xi tgħid ma' Tereża Borg li wkoll kellha responsabbiltà ta' dax-xogħol, dan kien twaqqaf fis-17 ta' Novembru



**Port il-Galeri bid-daħla li fuqha hija mibnija l-Belt Cospicua.**



**Wieħed mill-bibien fis-Swar tal-Cottonera li kienu mbarrati fi żmien il-Franċiżi u għadhom imbarrati sal-lum.**



**Port il-Galeri bid-daħla li fuqha hija mibnija l-Belt Cospicua.**



**Wieħed mill-bibien fis-Swar tal-Cottonera li kienu mbarrati fi żmien il-Franċiżi u għadhom imbarrati sal-lum.**

ħlief għal nisa u ommijiet ta' suldati fl-Eġittu u veterani. Ħaġa oħra li laqtet lill-Bormliżi kienet l-introduzzjoni ta' karta ta' identità fl-20 ta' Ottubru 1798: ta' Bormla kellhom jiġbruha mingħand il-Kmandant tal-Cottonera. U aktar 'l quddiem daħlet il-karta tar-razzjon tal-ħobż għall-familji ta' l-impjegati tal-gvern.[28]

F'Ottubru 1798 il-Maltin riedu jattakkaw is-swar tal-Cottonera u sar sparar min-naħa ta' Ħaż-Żabbar. Iżda l-Franċiżi sparaw aktar minn 300 kanunata minn fuq il-forti San Mikiel. Dan beżża' lin-nies. Dawk li minn Bormla kienu jippruvaw joħorġu fil-kampanja kienu jiġu maqtulin mill-Franċiżi. Fis-26 ta' Ottubru, il-bieb ta' Bormla li jagħti lejn Ħaż-Żabbar ġie mbarrat bil-ġebel matul l-lejl.[28] Fis-6 ta' Novembru fil-kwartieri ta' Bormla nstama' xi storbju għaliex għoxrin suldat riedu jaħarbu. Dawn inqabdu u għalhekk ħamsa minnhom ġew maqtula u tnejn oħra feruti. Fis-17 ta' l-istess xahar. raġel instab ħiereġ mid-dar biex imur f'oħra fit-3.00 a.m. Hu nqabad mir-Ronda u għalhekk weħel multa ta' għaxar skudi.[30]

Insibu li djar ġew skassati u daħlu fihom is-suldati biex jieħdu l-flus. Hekk ġralu Ġwanni Grech li kien prokuratur ta' l-Oratorju tal-Kruċifiss u li ħadulu l-flus li kellu tal-kaxxa tal-Fratellanza.[31]

Waqt li l-Franċiżi kemm-il darba kkonċentraw is-suldati tagħhom f'Bormla biex jirritaljaw kontra l-Maltin barra s-swar, il-Bormliżi, bħal oħrajn fl-ibliet batew mħabba sparar ta' bombi, nuqqas ta' ikel, tkeċċija ta' nies 'il barra minn djarhom u mis-swar lejn il-kampanja, kif ukoll rekwiżizzjonijiet ta' propjetà biex isservi lit-truppi Franċiżi.

Il-kontro-attakki fi żmien l-Imblokk laqtu lill-Bormliżi. Meta l-Maltin fil-batteriji Tal-Borg u Ta' Kordin attakkaw lill-Franċiżi li kienu qed iħottu baċir ta' l-injam fix-xatt ta' Għajn Dwieli, fil-21 ta' Novembru 1798, fost l-oħrajn miet Franġisk Borg li ndifen f'Ħal Tarxien. Waqt bumbardament li sar fl-4 ta' Diċembru, Bosredon de Ransijat isemmi li mietu mara Maltija u suldat Franċiż. Iżda forsi l-aktar attakk spettakolari kien dak tat-8 ta' Diċembru 1798.

Ta' min jgħid li mis-17 ta' Novembru 1798, il-knejjes kienu ngħataw permess idoqqu l-qniepen minn sbieħ il-jum sa nżul ix-xemx. Uffiċjali tal-Muniċipalità bdew jiġu mħeġġa' jattendu ċerimonji reliġjużi. Fil-5 ta' Diċembru, ir-Rettur tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni ta' Bormla, stieden lill-uffiċjali għall-festa u dawn marru wara nofs inhar. Dak inhar tal-festa fil-għaxija, ir-raħħala Maltin bdew bumbardament li laqat djar qrib is-swar u werwer lill-familji fqar imkenna fi kmamar fl-inħawi. Balla laqtet il-faċċata tal-Parroċċa imma għamlet biss ħsara żgħira.[33]

Meta kien qed jinħema l-komplott ta' Dun Mikiel Scerri u sħabu, l-inħawi ta' Bormla wkoll kellhom is-sehem tagħhom. Matul il-lejl suldati Maltin qrib il-Cottonera kienu jagħmlu sinjali lil xulxin b'taħbit ta' xkubetti. Għal ħabta tal-komplott, il-Maltin kellhom jippretendu li ser jattakkaw il-Cottonera. U kien diġà sar wieħed qawwi fil-bidu tas-sena 1799, waqt li fis-7 ta' Jannar, il-Kaptan Alexander Ball, li kien ġie jgħin u jmexxi 'l Maltin, kellu jattakka Bormla biex ifarrak il-bastimenti Franċiżi li kienu mġegħla jistkennu fid-daħla tal-Port tal-Galeri.[34]



**Il-Bieb Prinċipali fis-Swar tal-Cottonera li jagħti għal Bormla. F'nofs l-iskultura naraw il-bust tal-bronż tal-Gran Mastru Nikola Cotoner.**

Fil-15 ta' Jannar 1799, meta nkixef il-komplott, xi Maltin kienu resqu lejn is-swar. Il-Franċiżi sparaw fuqhom, reġġgħuhom lura u fost l-oħrajn qatlu lil Wenzu Borg li ndifen Ħaż–Żabbar. Kien maħsub li jsir attakk sorpriża fuq is-swar ta' Bormla billi jinġiebu dgħajjes u slielem sad-daħla ta' Għajn Dwieli. Ħafna minn dawn kienu ngarrew minn Marsaxlokk sal-Marsa għal dan l-iskop. Iżda żagħżugħ Malti nforma lil Vaubois bil-pjan u l-Franċiżi saħħew id-difiża billi anke neħħew xi bini. Biex twettaq dax-xogħol ġiegħlu lin-nies, anke l-kleru, jaħdem bl-għassa magħhom. Il-Maltin tilfu għaxra minn tagħhom fl-attakk li spiċċa fix-xejn.[35]

Barklori mill-Cottonera li dak in-nhar marru l-Belt, sabu ruħhom arrestati. L-awtoritajiet Franċiżi taw is-sentenza tal-mewt lil Dun Mikiel Scerri u sħabu. Ġuż. Segond jgħid li ffuċillaw 45 u fosthom isemmi lil Ġużeppi Cauchi minn Bormla.[36] Proklama li ħarġet fil-15 ta' Mejju 1799, ordnat l-abitanti ta' Bormla u nħawi oħra li kellhom dar u kienu marru f'oħra, biex jippreżentaw rwieħhom għandu il-Muniċipalità u jispjegaw għaliex kienu għamlu hekk.[37]

It-tkeċċija ta' nies kienet saret rutina li tkexkex. Kienet bdiet fis-26 ta' Settembru 1798 meta tkeċċew bosta rġiel Bormliżi li setgħu jġorru l-armi.[38] Din laqtet ukoll nisa, romol u xebbiet u wkoll lill-ħbieb tal-Franċiżi. Vincenzo Caruana, li darba Vaubois issuspetta fih għax ħasbu ħabib tal-Kanonku Caruana, u l-Kommendatur Mikielanġ Attard huma żewġ Bormliżi magħrufa li ħarġu 'l barra mis-swar. Caruana, u ħuh Ġanni ta' Slejlati ħarġu mill-Belt fl-14 ta' Novembru 1799 flimkien ma' l-Avukat Salvatore Scifo. Il-Maltin kienu qabduhom u ħaduhom priġunieri f'Kemmuna għalkemm aktar tard lil Caruana ħallewh liberu f'Għawdex.

Mikielanġ Attard kien l-anzjan fost dawk li baqgħu marbutin mal-Kavallieri ta' San Ġwann. Kien daħal kjeriku fil-Lingwa Taljana. Fil-bidu tar-rewwixta l-Malti kienu qatlu lil ħuh Teodoru li kien fizzjal tal-Kaċċaturi u kien joqgħod il-Kalkara. Attard kien qed jiġbor l-armi bil-moħbi, ħareġ mill-Belt fit-18 ta' Ottubru 1798 u sab ruħu arrestat. Iżda mbagħad il-Maltin ħelsuh u wara bl-għajnuna ta' xi sinjuri kellu jmur għand is-Sultan ta' Napli u mbagħad Trieste biex isib lill-Gran Mastru Hompesch u jgħidlu jiġi lura. Hu u sħabu telqu fuq xprunara fil-5 ta' Jannar 1799 u bi skuża tal-maltemp, il-baħrin daħħluhom San Pawl il-Baħar fejn ġew arrestati min-nies ta' Vitale. Wara tliet xhur arrestati, reġgħu telqu lejn Trieste fit-12 ta' April u waslu hemm fis-17 ta' Mejju 1799.[39] Iżda dal-pjan tar mar-riħ għax il-Maltin riedu l-protezzjoni ta' l-Ingilterra u d-destin ta' Hompesch kien mod ieħor.

Is-sentejn ta' l-Imblokk kienu sentejn ta' torturi u eċitament għall-Bormliżi. Kien żmien mimli avventuri. Waħda kellha x'taqsam mal-propjetà ta' San Kalċedonju tal-Furjana. Din kienet ittieħdet f'Kastilja f'Settembru 1798 sabiex il-post jinqdew bih is-suldati Franċiżi. Fost l-affarijiet kien hemm il-korpu sant ta' San Kalċidonju f'kaxxa tal-fidda. Fit-13 ta' Settembru 1798 il-prokuraturi, Dun Ġużepp u Dun Lawrenz Zammit, minn Bormla, ħallsu 341 skud għall-kaxxa u ħaduha f'darhom fejn bdew isirulha żjarat mid-devoti. Fl-24 ta' Lulju, jum il-festa tal-qaddis, ħaduha l-Parroċċa u ħallewha esposta hemm. Baqgħet f'Bormla sat-22 ta' Lulju 1802 meta "quattro persone oneste" ħaduha l-Palazz ta' l-Isqof, il-Belt minn fejn ġiet meħuda proċessjonalment lura f'postha.[40]

Meta l-Franċiżi kienu waslu biex iċedu l-aktar minħabba l-ġuħ li beda jaħkimhom, kienu bdew iġorru ħafna affarijiet bit-tama li jeħduhom lejn Franza. Jingħad li fuq il-ġifen "Athenien" għabbew saħansitra l-bust tal-bronz ta' Nikola Cotoner. Iżda meta saret il-Kapitulazzjoni laħqu qabduhom l-Ingliżi li rritornaw il-bust f'postu.[41] Wara t-tluq tal-Franċiżi, tfaċċaw il-protetturi Ingliżi. Fl-20 ta' Settembru 1800 ħames kumpaniji tal-89th Regiment ġew stazzjonati f'Bormla. Il-Kaptan Alexander Ball ħalla "piancia d'argento" b'rigal lix-xbieha ta' l-Ecco Homo fil-knisja ta' San Pawl.[42] Filippo Castagna, wieħed mill-eroj ta' żmien l-Imblokk, inħatar Logutenent ta' Bormla u l-Isla mill-Kummissarju Ingliż u fid-9 ta' Novembru 1801 ġie elett bħala wieħed mid-deputati Maltin li kellhom jitilgħu Londra biex jiltaqgħu mal-Ministru Hobart. Sal-1804 meta l-Parroċċa kien jieħu ħsiebha l-vigarju kurat Fra Nicola Penun O.S.H., f'Bormla kien hemm xi ħames qassisin (Antonio Baldacchino, Giuseppe Candela, Francesco Cassar, Salvatore Magrin u Nicola Penun) li qabel kienu kappillani konventwali ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Il-popolazzjoni issa kienet laħqet is-6,333 ruħ. Bormla kienet qed terġa' tieħu l-ħajja u tħares lejn era ġdida fl-istorja tagħha.

**BIBLIOGRAFIJA**


A. Anderson, Journal of the Forces on a Secret Expedition to Egypt, Lond., 1802.
P.P. Castagna, L-Istorja ta' Malta bil-gżejjer tagħha, II, Malta, 1890.
R. Cavaliero, The Last of the Crusaders, Lond., 1960'
F. Cutajar, Occupazione Francese di Malta nel 1798, Malta, 1933
M. Grech Taylor, Storia ta' Bormla, pro Ms., 1924-25
W. Hardman, A History of Malta 1798 - 1815, Lond., 1909
B. Ransijat, Journal du Siege et Blocus de Malte, Paris, 1800
G. Segond, Storia ta' Malta, Malta, 1926

H. Scicluna, Actes et Documents, Malta, 1979 ed.
C. Testa, Maż-Żewġ naħat tas-Swar, Malta, 1982
T. Zammit, History of Malta, Malta, 1929

## Noti

[1] A. Hoppen, The Fortification of Malta by the Order of St. John, Lond., 1979 pp. 84-90.
[2] A.O.M., Ms. 621, f. 171-176
[3] A.A.M., Past.Visit. Labini, 1793-98, f97v
[4] M. Grech Taylor, p. 31
[5] C. Testa, pp.27, 29, 34, 49
[6] Fit-2 ta' Ottubru 1798, Caruana ipprotesta mal-Ġen. Vaubois wara li kien tkeċċa mill-Kummissjoni tal-Gvern għax ħasbu li kellu x'jaqsam mal-Kan. Caruana. Miet fl-età ta' 64 sena, fis-6 ta' Jannar 1824. Ara "Gazzetta tal-Gvern" 13-1-1824.
[7] N.L.M., Libr., Ms. 269, f.16v
[8] W. Hardman, pp. 62-64
[9] H. Scicluna, pp. 215, 217
[10] H. Scicluna, p. 56
[11] C. Testa, pp. 90, 102. F. Cutajar, p. 11. Ara wkoll N.L.M., Ms. 619.
[12] C. Testa, pp. 203, 205
[13] P.P. Castagna, p. 382. Bruno ġie ffuċillat f'Tas-Samra. Ma nħalltuhx ma' l-ex-uditur, Gaetano Bruno, li fi żmien l-Ordni kien segretarju tal-Kanċillier u fi żmien il-Franċiżi salva d-dokumenti ta' l-Ordni. Fil-1795 dan kien ingħata l-benefizzju ta' San Ġwann t'Għuxa. Hemm kien ħawwel tmenin siġra tal-lumi u laring. Fl-24 ta' Lulju 1798 talab lill-Kummissjoni tal-Gvern tħallih igawdih.
[14] Fl-1813 Randon inqabad priġunier f'Pamplona mill-Ingliżi. Ġie lura Malta madwar l-1815. Miet fil-Belt Valletta fl-10 ta' Jannar 1837.
[15] R. Cavaliero, p. 246.
[16] N.L.M., Ms. 269, f. 26v, H. Hardman, p. 115
[17] C. Testa, pp. 231, 235
[18] F. Cutajar, p. 21
[19] F. Cutajar pp. 47, 83
[20] N.L.M., Ms. 269, f. 29-29v. F. Cutajar jgħid li l-Bormliżi ċedew "non vedersi aiutati da quei del Borgo e della Senglea...", p. 50. C. Testa jindika total ta' 150 kartell, pp. 237-239
[21] W. Hardman, p. 115 jindika li Sir William Hamilton irraporta l-inċident lil Lord Grenville. N.M.L. Ms. 269, f. 52v-53. P.P. Castagna, p. 368
[22] F. Cutajar, p. 49. N.L.M., Ms. 619, f. 14v
[23] N.L.M. Ms. 269, f. 55v-56. F. Cutajar, pp. 23, 52, 94
[24] N.L.M. Ms. 269, f. 56
[25] P.P. Castagna, p. 372
[26] F. Cutajar, p. 54
[27] T. Zammit, pp. 446-448
[28] C. Testa, pp. 280, 320, 340, 700.
[29] N.L.M. Ms. 619, f.21v-22
[30] N.L.M. Ms. 619, f.22-22v, 24
[31] A.C.C. (Cosp), Lib. B., f.95-98
[32] F. Cutajar, pp. 71-72. C. Testa, pp. 363-371
[33] C. Testa, pp. 361, 377
[34] W. Hardman, p. 210, jindika ittra ta' A. Ball lil Lord Nelson, 12.4.1799
[35] C. Testa, pp. 491-493
[36] G. Segond p.
[37] W. Hardman, p. 610
[38] F. Cutajar, p. 66 jgħid "quelli di Burmula che uscivano in Campagna sono assisinati dalli Francesi. Si pretende essere causa di ciò, Debertis".
[39] C. Testa, p. 458
[40] M. Grech Taylor, p. 32. Ara wkoll E.S. Tonna, Final Focus on Floriana, Malta, 1979, pp. 67-68
[41] A. Anderson, p. 136
[42] A.A.M., Past. Visit. Labini, 181-05, f.102-107v.